KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 24kont

L-Erbgħa u Għoxrin (kont) laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 5 ta' Mejju 2014 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUŻATI** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta kompliet b'din l-Agenda:*

5. *Minuti mill-Laqgħa tal-Komunita*
6. *Proġett permezz ta' fondi mir-Regjun Centrali*
7. *Proġetti ta' parkeġġi f'Tas-Sliema*
8. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
9. *Aġġornament*

## 5. MINUTI MIL-LAQGHA TAL-KOMUNITA

5.1 Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-komunita, li kien diġa intbgħat jiem ilu mis-Segretarju permezz tal-email lill-Kunsilliera, għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva.

## 6. PROĠETT PERMEZZ TA' FONDI MIR-REĠJUN ĊENTRALI

6.1 Is-Sindku spjega li hemm fond fir-Reġjun ta' Eur400,000, li minnhom lill-Kunsill ta' tas-Sliema imissu Eur64,000. Dawn, skond *policy* tar-Reġjun għandhom jintuzaw għall-proġett li jsebbaħ l-ambjent urban fil-lokalita.

6.2 Is-Sindku irrakkomanda li jsir dwal ġodda LED fi Gnien Indipendenza permezz ta' dawn il-fondi.

6.3 Izda, kompla s-Sindku, ftit jiem ilu Kunsilli zagħar gergru mal-Ministeru fuq il-mod kif tqassmu dawn il-fondi bejn il-Kunsilli u għalissa aħjar ma tittiħidx deċizjoni sakemm ikun hemm deċizjoni finali ta' kif dawn ser jitqassmu bejn il-Kunsilli.

6.4 Il-Kunsill qabel li jieħu deċizjoni, la darba d-deċizjoni kif jitqassmu dawn il-fondi tkun finali, u b'hekk inkunu nafu biċ-ċert kemm ikollna fondi.

## 7. PROĠETTI TA' PARKEĠĠI F'TAS-SLIEMA

7.1 Is-Sindku spjega li l-fond tas-CPPS sat-28 ta' Frar 2014 kien jammonta għal Eur3,637,983.

7.2 Il-Kunsill iddiskuta li jfassal *terms of reference*, sabiex iqabbad perit jgħamel studju dwar il-possibilta ta' parkeġġ taħt l-*area* taħt il-bandli ta' fejn it-Torri. Il-Kunsill qabel li tinzamm l-istess *footprint* u *elevation* ta' li hemm prezentament

7.3 Il-Kunsill qabel ukoll illi fuq dan il-parkeġġ issiru uffiċini u jerġa isir bandli ġdid. Il-Kunsill qabel li jsir dan l-istudju, izda li qabel dan, nistaqsu lil MEPA jekk il-ħlasijiet tal-perit jiġux rifuzi mill-fond tas-CPPS, u jekk il-fond tas-CPPS ikoprix l-istruttura tal-parkeġġ kif propost. hekk kif ukoll forsi ix-xogħol tal-bandli.

7.4 Il-Kunsill qabel ukoll li jistaqsi id-Dipartiment tal-Artijiet dwar fejn hawn artijiet pubbliċi f'Tas-Sliema

## 8. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

8.1 Is-Sindku qal li kellu telefonata mingħand Audrey Testaferrata De Noto mit-Transport Malta, fuq il-ħsieb li jiftħu Triq Bisazza għat-trasport publiku u roti. Saqsietu x'inhu il-ħsieb tal-Kunsill dwar din il-proposta. Qaltlu ukoll li ser issaqsi għal *feedback* tal-istakeholders kollha.
Il-Kunsill ma qabilx li tkun miftuħa għat-trasport publiku, izda qabel li tinfetaħ għar-roti b'veloċita minima.
Il-Kunsill qabel ukoll illi nitolbu lill-Transport Malta biex Triq St. Rita tiġi *No Entry* minn fuq.

8.2 Il-Kunsillier J Pillow semma proposta ta' *Public Private Partnership* biex isiru latrini publiċi ix-Xatt. Is-Sindku qal li ppropona lill-*Bord tat-Tourism Zones* biex issir *information booth* u toilets magħhom.
Il-Kunsillier J Pillow ippropona wkoll li jsiru globi ġodda x-Xatt li jkollom in-naħa ta' fuq iswed.

8.3 Il-Kunsilliera Vivienne Galea Pace qalet li għandu jkun hemm tabelli fuq it-*turf*

tal-Ġnien Bonellu Du Puis biex ma jitilgħux klieb. Qalet ukoll li hemm tappiera ħadra nieqsa fejn bnadar tal-istess ġnien u li bejn in-numri 208 u 209 fi Triq it-Torri, parti mit-triq sfrundat.

8.4 Il-Kunsilliera Lisa Cassar qalet li ma taqbilx li tingħalaq il-parti t'isfel ta' triq Sant' Antnin, u hi qalet li meta tkellimniha fil-Kunsill konna tkellimna li ssir bħala mizura temporanja għal Milied biss. Hi ma tħossx li din kienet deċizjoni ta' miura permanenti. Hi ma tiftakarx li fil-Kunsill iddeċidejna li ssir permanenti. L Cassar qalet li billi kienet deċiza fis-sena 2012, l-implimentazzjoni tagħha saret issa, u għalhekk ma taqbilx. Hi sostniet li ma kienetx parti minn din id-deċizjoni.

8.5 Il-Kunsillier Pierre Portelli issuġerixxa li niktbu ittra lir-residenti nistaqsu jekk jaqblux magħha llum il-ġurnata wara xahar prova. Il-Kunsill qabel li l-ittra tintbgħat minn Triq Hughes Hallet lejn The Point. Il-Kunsill qabel li tintbgħat din l-ittra.

8.6 Il-Kunsilliera L Cassar ipproponiet li jingħata konkos fi Triq il-Hnejja. Is-Sindku qabel. Il-Kunsill approva.

Il-Kunsilliera L Cassar qalet ukoll li Triq Manwel Dimech hemm bzonn jizdied id-dawl tat-triq, u din l-istess triq għanda bzonn *patching* estensiv. Il-kunsillier P Radmilli qal li kieku hu jaqbel li tgħamila Transport Malta. Il-kunsilliera P Portelli u J Pillow qablu. Is-Segretarju qal li jkun għaqli jekk qabel nipproċedu b'aktar xogħlijiet ta' tarmac, l-ewwel jaslu l-kontijiet ta' Triq St Agatha u Sacro Cuor ħalli naraw li nibqgħu mal-budget.

Il-Kunsill qabel ukoll li noħorġu zewġ tenders:

1) Contract Manager (li joffri servizz bħal ta' *draughtsman*)
2) Perit

8.7 Il-kunsillier M Briguglio qal li min €2500 ħa nħallsu €500 biss għal korsijiet tal-*Life Long Learning*. Konna iddeċidejna, f'laqgħa preċedent tal-Kunsill li għat-tfal ngħamlu korsijiet tal-Ingliz. Issa, irridu naraw kif ħa nsibu għalliem. Kunsill qabel li nikkuntattjaw persuni li nafu individwalment, u dawn għandhom jibgħatu CV lill-uffiċċju u xi prezz qed jitolbu.

Il-Kunsillier M Briguglio qal li l-MEPA kienet kitbet fuq il-policy tas-sulari zejda lill-lukandi. Hu ppropona li niktbu li ma naqblux li jsir mingħajr mal-gvern jgħamel l-istudji relatati.

Il-Kunsill qabel ukoll li nwieġbu l-email ta' Dott. De Pietri u ngħiduli li aħna kontra li jinqalgħu dawk is-siġar li huma protetti bil-liġi fis-site tiegħu.

Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa pubblika għall-*landscaping* ta' Ġnien Bonello Du Puis u li t-*terms of reference* ikunu l-istudju ta' Lanfranco.

Il-Kunsill qabel ukoll li jinxtraw numri ta' *ashtrays* għall-bajjiet.

8.8 Il-Kunsilier David Muscat qal li hemm villaġġ ġo Sqallija li huwa interessat f'ġemellagg. Il-Kunsill qabel li nsaqqsu lid-Dipartiment kif għandna nipproċedu. Il-Kunsillier D Muscat ressaq il-kaz tas-Sur Mamo ta' Triq San Karlu, u qal li dan ġarrab xi ħsarat fil-propjeta tiegħu wara li l-kuntrattur tal-Kunsill qala l-bankina, ħalliha maqlugħa xi tlett t'ijiem, u bix-xita li għamlet fl-Għid, daħalla ħafna ilma fil-kantina. Il-Kunsill qabel li ngħamlu pressjoni fuq il-kuntrattur biex jikkumpensah.
Il-Kunsill qabel ukoll li is-Segretarju jgħaddi lil D Muscat l-informazzjoni neċessarja sabiex jinbidel l-isem ta' Pjazza Annunzjata biex isir Pjazza s-Surmast Ferdinando Camilleri.

8.9 Il-Kunsillier Paul Radmilli qal li l-Kumitat Finanzi imissu jiltaqa. Is-Segretarju qal li l-aħjar li niltaqaw wara li jiġu il-kontijiet ta' Triq Sant Agatha u Sacro Cuor.
Il-kunsillier P Radmilli qal ukoll biex niktbu lill-MEPA li planning huwa xogħla, u postijiet ma missomx jinbnew kollha f'daqqa, avolja jkunu ħarġu l-permessi ta' zvilupp. Ngħamlu proposta li dawk it-toroq ta' madwar triq Don Rua u hekk jidħlu trakkijiet zagħar, biex nevitaw in-*no parkings* kollha li joħorgu ta' kuljum.

8.10 Il-Kunsillier Pierre Portelli qal li l-MTA qalulna li l-NGO *Add More Colours* trid tapplika għal fondi minn għandhom, mhux il-Kunsill. *Add More Colours* qalu li ha japplikaw, bil-*flights* inkluzi.

Il-Kunsillier P Portelli sostna li l-Kunsill irid isib aktar sponsors għal dan il-festival u ħeġġeġ għall-kooperazzjoni tal-Kunsilliera kollha f'dan ir-rigward.
Il-kunsillier P Portelli qal li McDonalds qalu li l-*isponsorship* tagħhom hu marbut li jkollom l-*kids area*. Qal ukoll li l-Kunsill għadu qas iddeċieda xejn dwar ix-xiri ta' dwal tal-Milied.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Is-Seduta spiċċat fid-9.06pm. Seduta oħra ġiet imsejjħa nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2014 fis-6pm.

Minuti approvati llum 27/05/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**